# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Marzu,2001**

**Numru 5**

**Avviz. numru 937/99mm**

**Alfred Cuschieri**

**vs**

**Middle Sea Insurance p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fit-18 ta' Gunju 1999 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilta' skond il-ligi, thallas lill-attur Alfred Cuschieri s-somma ta' seba mitt lira Lira Maltin (Lm700) ammont rapprezentanti d-danni sofferti bhala rizultat tas-serq ta' Maestral Rubber dinghy tal-kulur orange u mutur outboard tal-marka Yamaha 2hp, minnu soffert fis-6 ta' Awissu 1997 liema serq huwa ssustanzjat b'rapport tal-Questura di Catania liema oggetti kienu koperti bil-polza ta' l-Assikurazzjoni numru 001967 1 24 92 93 li tkopri s-Sailing Yacht 'PEER' bl-accessorji kollha

'inkluz kull accessorji li normalment jinbiegh mad-dghajsa fil-kaz li din tinbiegh'.(Dok A)

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Frar 1998, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali u cioe' mid-19 ta' Frar 1998, sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kumpanija Middle Sea Insurance plc fejn eccepiet illi:

1. Illi, preliminarjament ghandha ssir korrezzjoni fl-isem tal-kumpanija konvenuta stante li ma tezisti l-ebda kumpanija bl-isem Middle Sea Insurance Co Ltd.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kuntratt ta' assikurazzjoni numru 001967 124 92 93 huwa null u minghajr effett skond il-ligi stante li d-dikjarazzjoni maghmula fil-proposal form iffirmata mill-attur fit-22 ta' Gunju 1992 (Dok M1) m'hijiex viritiera, peress illi ma gietx iddikjarata l-ezistenza tad-dinghy u mutur outboard.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess l-attur ghandu jipprova li l-Maestral Rubber dinghy tal-kulur 'orange' u mutur outboard tal-marka Yamaha 2hp huma proprjeta' tieghu kif jippremetti fic-citazzjoni.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jipprova li l-istess Maestral Rubber dinghy u mutur outboard tal-marka Yamaha 2hp gew verament misruqa.

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess l-attur ghandu jipprova d-danni li verament sofra.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ta' l-attur ghal hlas ta' seba mitt lira wara serqa li saret mill-yacht tieghu meta kienu fl-esteru liema serqa gie allegat li hija koperta b'polza ta' assikurazzjoni mahrug mis-socjeta' konvenuta. Minn nahha l-ohra s-socjeta' konvenuta qieghdha tghid illi dan ir-rubber dinghy illi gie misruq ma kienx kopert fil-polza peress illi ma tnizzilx fil-*proposal form* kif kien rikjest mill-istess assikurazzjoni, liema *proposal form* sussegwentement ifforma parti integrali mill-kuntratt ta' assikurazzjoni mahrug mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat:

Illi fit-tieni eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta qieghdha tghid illi din il-polza hija nulla u minghajr effett skond il-ligi stante li d-dikjarazzjoni kif maghmula fil-*proposal form* mhijiex veritjera peress illi ma gietx dikjarata l-ezistenza tad-dinghy u mutur outboard.

Din l-eccezzjoni hija l-pern tal-kwistjoni kollha.

Jibda biex jinghad illi din il-Qorti ma tistax tidhol fil-kwistjoni ta' nullita' o meno ta' din il-polza peress illi tale kwistjoni trid tigi deciza minn kawza *ad hoc* u mhux *per via di eccezzione.* Tista' pero' tinterpreta din il-polza u tara jekk ghandhiex tapplika ghal din id-*dinghy* u *outboard*, jew le.

Ghal dawk illi huma l-fatti tal-kawza ma jidhirx illi huwa kontestat illi l-attur kien propretarju ta' *rubber dinghy* ta' kulur orange tal-marka "Maestrale" u mutur *outboard* tal-marka Yamaha 2h.p. Lanqas ma hu kontestat illi filfatt dawn l-oggetti gew misruqa minn fuq il-yacht tieghu meta dina kienet irmiggata fil-port ta' Catania. Gie pruvat ukoll illi tali serqa giet irripurtata lill-pulizija taljana u abbazi ta' dan ir-rapport beda l-process tal-claim minghand is-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta pero' ghamlet referenza ghal "*proposal form"* kif mahruga mill-*broker* fejn hemm indikat "please state the value of the dinghy and outboard motor (if any)" liema nformazzjoni ma gietx moghtija mill-attur f'din il-formola (fol 3). Din il-*proposal form* giet mimlija mill-*brokers* Fenici Insurance fit-22 ta' Gunju 1992 ghan-nom tas-socjeta' konvenuta. Mhuwiex kontestat mill-partijiet illi meta

din il-*proposal form* imtliet, din il-parti thalliet vojta u l-post allokat ghall-valur gie ingassat.

L-attur pero' jikkontendi illi meta ssir referenza ghal *vessel* kif hemm a fol 21 tal-process, dina tinkludi "….equipment, such as would normally be sold with her if she change hands". L-attur jghid illi meta huwa xtara din il-yacht huwa xtraha bid-*dinghy* b'kollox. Fil-fatt a fol 23 hemm kopja ta' l-inventarju maghmula minn S&D Yatchs Limited li tinkludi *dinghy* tal-marka Avon u 2*h. p Yamaha outboard.* Dan l-inventarju sar meta l-yacht kienet ghal bejgh (fol 25) u qabel ma ghaddiet ghand l-attur.

L-attur ighid a fol 77 illi meta xtara l-boat dana giet bid-*dinghy* mieghu u kien kompriz fil-prezz, ghalhekk l-attur qieghed jabbina din l-ahhar dikjarazzjoni mat-tifsira tal-kelma *vessel* kif imfissra fl-ewwel paragrafu tal-*Institute Yacht Clauses* illi kopja taghhom tinsab esibita a fol 57 tal-process. Barra minn hekk, l-attur fl-istess folio ighid illi meta kien qieghed jimla l-*proposal form* il-*broker* kien qallu illi d-*dinghy* "………hija parti integrali mill-accessorji taghha u ma kelliex titnizzel separatament".

L-attur jikkontendi ukoll illi meta s-socjeta' konvenuta qaltlu biex jaghmel survey tal-yacht illi kien sejjer jassikura maghha, l-attur gibed l-attenzjoni tas-surveyor illi d-dinghy ma kienx fuq il-yacht izda fil-garage, s-surveyor irrispondieh u qallu li ma setghax jikteb dak li ma jarax. L-attur ma nsistiex mieghu illi jiehdu jara dan id-*dinghy* peress illi skond hu dan is-survey sar biss ghas-sea worthiness o meno tal-yacht illi kienet qed tigi assikurata.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel haga illi din il-Qorti trid tikkonsidra huwa x-xoghol tal-*broker* fil-kamp ta' l-assikurazzjoni. Dana gie deskritt ahjar fil-kawza deciza fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Marzu,1998 fil-kawza Brian Hog Malta Limited vs Cartwheel Enterprises Limited fejn inghad illi xoghol il-broker fil-kamp tal-assikurazzjoni huwa illi jsib assikurazzjoni ghal terzi persuni sabiex dawn it-terzi persuni jigu koperti minn polza mahruga mis-socjeta' assikurattrici li tkun sabet il-*broker*. Dan ifisser illi l-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa direttament bejn it-terza persuna u s-socjeta' assikurattrici li tkun harget il-polza.

L-attur ghalhekk huwa korrett meta f'din il-kawza fittex direttament il-kumpanija assikurattrici u mhux il-*broker* illi effettivament imlielu l-*proposal form.* Din ta' l-ahhar hija biss proposta lill-kumpanija assikurattrici sabiex tikkunsidra t-termini hemm miktuba u tara ghandhiex tassigura lil dik il-persuna jew le. F'dan il-qasam ghalhekk il-broker qieghed jagixxi bhala agent tal-kumpanija assikurattrici u mhux ghan-nom ta' l-istess kumpanija.

Fil-kawza Degiorgio vs Agius (Vol XLVI pII page 656) inghad li proposer hu fid-dover li jirrileva kwalunkwe fatt materjali li ragonevolment jirritjeni li hu rilevanti ghal proposta.sewwa jekk ikun mistoqsi dwar dawn il-fatti, sewwa jekk le.

Hawnhekk tqum il-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni ta' dan il-"fatt materjali" u din il-Qorti taghmel referenza ghal kawza deciza fil-

Prim Awla fit-3 ta' Ottubru 1996 fl-ismijiet Salvu Briffa vs Walter Camilleri et noe liema kawza ghamlet referenza ghal dicitura ta' Lord Mansfield fil-kawza Carter vs Boehm fejn inghad li "a fact is material for the purposes for both non disclosure and misrepresentation if it is one which would influence the judgment of a reasonable and prudent insurer in deciding whether or not to accept the risk or what premium to charge".

Il-Qorti jidhrilha li l-fatt li fuq il-*proposal form* hemm imnizzel l-informazzjoni dwar il-valur tad-*dinghy* u *outboard* huwa "fatt materjali" li l-kumpanija assikurattrici jidhrilha illi ghandha tkun a konoxxenza taghha biex tara xi premium tkun tista titlob minghand l-assikurat. Huwa inutili illi l-attur ighid illi waqt li kienet qed timtela l-*proposal form* l-agent kien qallu illi ma kellux ghalfejn inizzel id-*dinghy* u l-*outboard*. L-attur kellu l-obbligu li jivverifika dak li l-agent ikun qed jikteb. Dina qalitha cara l-kawza Salvu Briffa vs Walter Camilleri fuq imsemmija. L-attur pero' ma ghamel xejn minn dan, izda qabad u ffirma l-*proposal form* minkejja illi kien jaf illi l-paragrafu dwar il-valur tad-*dinghy* u l-*outboard* thalla barra.

Dana mhux agir ta' "bonus pater familias" u huwa nuqqas serju da parti ta' l-attur u ma jistax isib konfort fit-tifsira tal-kelma *vessel* kif murija fl-*Institute Yacht Clauses* fuq imsemmija. Veru illi din it-tifsira tinkludi *equipment* illi normalment jinbiegh bil-*vessel* meta tbiddel l-idejn pero' d-*dinghy* mhix "*equipment"* fil-veru sens tal-kelma imma hija xi haga accessorja ghall-*vessel.* Mhux necessarjament tinbiegh maghha. Il-fatt illi l-attur xtara l-yacht tieghu bid-*dinghy* b'kollox ma jfissirx illi kull yacht tinbiegh

bid-dinghy. Ghal kumpanija assikurattrici  din id-dinghy ghandha valur separat mill-yacht li tkun qieghdha tassikura. Tant hu hekk illi dan il-valur thoss illi tant huwa mportanti illi kellha taghmel paragrafu ghalih.

Ghalhekk  il-Qorti jidhrilha li l-fatt illi l-attur ma tax informazzjoni lill-kumpanija assikurattrici dwar dan id-dinghy, huwa kaz ta' non discloser ta' fatt materjali kif deskritt minn Lord Mansfield fil-kawza fuq imsemmija. Dana jintitola lis-socjeta' konvenuta illi tirrifjuta t-talba attrici meta dan ipprezentalha l-*claim* ghar-rimborz tal-valur tad-*dinghy* u *outboard*. Fid-dikjarazzjoni li ghamel l-istess attur fuq il-*proposal form* a fol 3 tal-process hemm specifikament miktub "I understand that non discloser or misrepresentation of a material fact will entitle underwriters to void the insurance being proposed". Kif gia nghad il-fatt illi l-attur naqas li jirrileva l-valur tad-*dinghy* u *outboard motor* huwa *a material fact*  fis-sens indikat u ghalhekk is-socjeta' attrici hija ntitolata illi  ma tikkunsidrax it-talba ta' l-attur, anzi hija ntitolata tmur oltre izda ma jidhirx li hija lesta li taghmel dan u llimitat l-azzjoni taghha biss fis-sens illi tirrifjuta t-talba ghar-rimborz kif maghmula bl-ittra taghha lil *brokers* tat-28 ta' Awissu 1997 (fol 20). Il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi s-socjeta' konvenuta ghandha ragun tirrifjuta t-talba ta' l-attur u ghalhekk ghandha ragun tiddikjara l-*proposal form* iffirmata mill-attur fit-22 ta' Gunju 1992 mhiex veritjera.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad  it-talba ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

Anthony Zammit

Dep Reg